**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 25 ta' Jannar 2023**

Rikors Numru: 577/22 AL

A B C

vs

D E F

(M.R. Numru 1978/2004)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

Illi huwa żżewweġ lill-intimata fit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) - (ċertifikat taż-żwieg anness u markat Dokument 'A').

Illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) permezz ta' kuntratt pubblikat in atti Nutar Dottor James Grech, kopja ta' liema kuntratt qiegħda tiġi annessa u markata Dokument 'B'.

Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġt itfal u ċioe G E li twieldet fit-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) u H I li twieled fis-sittax (16) ta' Mejju elfejn u tnax (2012), aħwa B, liema żewġt'itfal għadhom minorenni.

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti għall-minorenni.

Illi l-partijiet irrinunzjaw għal kull dritt ta' suċċessjoni fil-konfront ta' xulxin u kif ukoll għas-sehem riservat. Il-partijiet irrinunzjaw ukoll għad-dritt ta' manteniment minghand xulxin.

Illi ma hemm ebda prospett għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi dawn il-fatti jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

Tiddikjara ż-żwieġ tiegħu mal-intimata D E F bħala maħlul, u li l-partijiet huma divorzjati għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u sabiex tordna għaldaqstant lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal- partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Registru Pubbliku skont il-liġi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti dina l-Qorti.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet:

1. Illi taqbel mar-rikorrenti u l-premessi kollha kontenuti fir-rikors ta' divorzju minnu prezentat fl-atti ta' dawn il-proceduri, ossia li huma debitament legalment separati u ma hemm l-ebda kwistjonijiet ta' manteniment vis-a-vis sia t-tfal u sia l-istess esponenti;
2. Illi l-esponenti tikkonferma li ma jezisti l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejnha u zewgha
3. Illi ghalhekk l-esponenti qed taqbel mat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur u ghaldaqstant din l-Qorti ghandha tghaddi sabiex tordna il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet permezz tad-divorzju ai termini tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta’ Novembru 2023;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta’ Gunju 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.